**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 62/2022**

**Il-PULIZIJA**
**(Spettur Mario Xiberras)**
**(Spettur Jeffrey Scicluna)**

**-Vs-**

**JESMOND CASSAR**

**Illum, 18 ta' Ġunju 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **JESMOND CASSAR,** ta' 47 sena, bin Emanuel Cassar u Mary Anne Cassar nee' Veneziani, imwieled Pieta' fis-7 ta' Ottubru 1974, mingħajr indirizz fiss, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0509274M li tressaq quddiemha akkużat[1] talli nhar id-19 ta' Jannar 2022 bejn it-03:30hrs u 04:15hrs ġewwa l-Isla u f'dawn il-Ġzejjer;

[1] Akkużi ppreżentati u moqrija fl-21 ta' Frar 2022.

1. Volontarjament tajt nar lil vettura bil-mutur bin-numru tar-registrazzjoni DCJ493 tal-għamla Toyota għad-detriment ta' Anthony Borg mill-Isla u/jew ta' persuni oħra, filwaqt li l-ħruq setgħa qabad bini ieħor, għarix jew lok ieħor fejn f'dak il-waqt kien hemm ġewwa xi persuni;

2. Aktar talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi tajt nar lil bieb ta' residenza cioe' dar ta' abitazzjoni bin-numru 52, Triq Sant'Anglu, Isla għad-detriment ta' Anthony Borg mill-Isla u/jew ta' persuni oħra, meta hemm ġew kien hemm persuna/persuni fil-waqt tal-ħruq.

3. Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ħasart jew għarraqt ħwejjeġ ħaddieħor mobbli, jew immobbli, u cioe għamilt ħsara volontarja fuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni DCJ493 tal-għamla Toyota għad-dannu ta' Anthony Borg u/jew ta' persuni oħra liema ammont ta' ħsara ma' jeċċedix l-€2,500;

4. Aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, kif ukoll fil-jiem, gimgħat u xhur ta' qabel kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet datat 9 ta' Settembru 2021 mill-Qorti Kriminali, mill-Onor. Imħallef Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D. li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet fosthom li jiffirma kuljum ġewwa l-għassa tal-pulizija ta' Bormla bejn it-tmienja ta' filgħodu u s-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (08:00hrs-19:30hrs)

5. Aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi irrenda ruħu reċediv ai termini ta' l-Art. 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kien misjub ħati ta' diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli għall-imsemmija reati, tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-ħelsien mill-arrest u tordna r-rearrest ta' l-imsemmi Jesmond Cassar, kif ukoll tordna li s-somma ta' elf ewro (€1,000) bħala depositu u s-somma ta' għaxart'elef ewro (€10,000) bħala garanzija pesonali, jgħaddu favur il-Ġvern ta' Malta.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li f'każ ta' sejbien ta' ħtija tikkundanna l-ħati għall-ħlas lir-Registratur tal-ispejjeż kollha jew ta' parti mill-ispejjeż li kellhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, inklużi dawk tal-esperti li jkunu ġew maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta, hekk kif maħsub f'Art. 533 et sequitur tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet lill-imputat iwieġeb mhux ħati[2];

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-21 ta' Lulju 2023 li permezz tagħha huwa bagħat lill-imputat sabiex jiġi aġġudikat minnha taħt dak li hemm maħsub:-

(a) Fl-artikoli 317(a)(i) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(b) Fl-artikolu 316(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(c) Fl-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(d) Fl-artikolu 579(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(e) Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(f) Fl-artikoli 15A, 17, 382A, 383, 384, 385, 386, 412Ċ, 412D, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet lill-imputat jiddikjara fis-seduta tat-13 ta' Settembru 2023 li m'għandux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bil-proċedura sommarja u deċiża minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Semgħet ix-xhieda;

[2] Eżami 4 ta' Mejju 2022.

Rat il-provi kollha u d-dokumenti kollha li ġew prodotti matul is-smigħ tal-proċeduri;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata fit-13 ta' Mejju 2024, kif awtorizzat;

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-abbli avukat tad-difiża fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2024;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

L-imputat qed jiġi mixli bil-ħruq doluż fid-19 ta' Jannar 2022 ta' bieb tar-residenza ta' ċertu Anthony Borg, ġewwa 52, Triq Sant'Anġlu, Isla, liema ħruq jidher li kkaġuna ħsarat ukoll lill-vettura tal-istess Anthony Borg.

Il-Prosekuzzjoni tisħaq illi bdew jinbtu suspetti li seta' kien l-imputat, Jesmond Cassar, li wettaq dan il-ħruq mill-fatt illi l-ħruq sar billi ntefa' aċċellerant fuq il-vettura kif ukoll fl-art bejn l-istess vettura u l-bieb tar-residenza, b'mod illi meta l-vettura ngħatat in-nar, il-ħruq ħalla linja sewda mal-art (niċċa). Dan il-*modus operandi* kien l-istess wieħed li allegatament kien intuża minn Jesmond Cassar, l-imputat odjern, f'żewġ delitti oħrajn ta' ħruq doluż li qed jiġi mixli li kien l-awtur tagħhom[3]. Mill-*call profile* tan-numru tal-mobile phone 99884626, li skont kif xehed l-Ispettur Mario Xiberras huwa ta' Jesmond Cassar għaliex ġieli jċempillu in konnessjoni ma' każijiet oħrajn li għandu miegħu, irriżulta li fit-2:45h fid-19 ta' Jannar 2022, Jesmond Cassar irċieva telefonata mingħand in-numru 99793128 li jirriżulta li huwa ta' ċertu Matthew Haidon, liema numru kien ċempel ukoll lill-Control Room tal-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija iktar tard fid-19 ta' Jannar 2022, fejn l-Ispettur Mario Xiberras kien għaraf leħen Jesmond Cassar. Skont il-Prosekuzzjoni, irriżulta wkoll matul l-

[3] David Borg Saydon, l-espert imqabbad fl-inkjesta dwar l-in genere, fir-relazzjoni tiegħu esprima l-fehma illi dan il-modus operandi fi ħruq doluż mhuwiex wieħed komuni u huwa indikattiv tal-fatt illi l-persuna kellha esperjenza fil-ħruq u kienet taf x'qed tagħmel – paġna 26 tal-*proces-verbal*.

investigazzjonijiet dwar id-delitt illi kien hemm vettura tal-għamla Toyota b'żewġ bibien ta' lewn ħadrani b'żewġ hubcaps tar-roti neqsin, illi fil-filmati li ġew elevati dehret li kienet qed tinstaq b'veloċita' elevata fl-akkwati u fil-ħin tad-delitt. Vettura simili ġiet osservata ftit ġimgħat wara fl-inħawi tal-Bormla, u din kienet qed tinstaq minn Matthew Haidon. L-Ispettur Mario Xiberras xehed ukoll illi l-filmati li mbagħad ġew elevati mill-akkwati tar-residenza ta' Matthew Haidon ġewwa l-Kalkara wrew lill-istess Matthew Haidon fid-19 ta' Jannar 2022 jipparkja din l-istess vettura għall-ħabta tat-03:00hrs, jidħol fir-residenza tiegħu liebes flokk skur u joħroġ ftit wara b'barmil blu f'idu u liebes beritta u ġakketta ta' lewn skur. Sadanittant, il-passiġġier li kien hemm fil-vettura tiegħu, ħareġ u għamel il-bżonnijiet tiegħu u dan intgħaraf mill-Pulizija li kien proprju Jesmond Cassar. Imbagħad daħlu fil-karozza u Matthew Haidon saq minn fuq il-post.

Il-każ tal-Prosekuzzjoni fil-konfront tal-imputat huwa mibni fuq l-imsemmija riżultanzi tal-investigazzjonijiet iżda fuq kollox fuq il-verżjoni ta' Matthew Haidon, il-kompliċi fid-delitt, li ġie kkundannat fuq ammissjoni tiegħu stess fi proċeduri separati għas-sehem tiegħu fid-delitt[4]. Hu xehed fil-proċeduri odjerni li kien l-imputat odjern, Jesmond Cassar, li kien ħaraq il-vettura u l-bieb tar-residenza ta' Anthony Borg. Il-Prosekuzzjoni ssostni illi l-verzjoni ta' Matthew Haidon hija korroborata minn dak li jidher fil-filmati li ġew elevati minn CCTV cameras fl-inħawi fejn seħħ il-ħruq kif ukoll minn telefonata li huwa kien għamel lill-imputat ftit tal-ħin qabel id-delitt, fit-2:42h fid-19 ta' Jannar 2022, kif ukoll mill-fatt illi l-vittma tad-delitt, Anthony Borg, kien ukoll issuspetta fl-imputat bħala l-awtur tal-ħruq tal-karozza u l-bieb tar-residenza tiegħu, għaliex kellu xi argomenti miegħu u kien qed jarah ta' spiss għaddej fejn joqgħod hu, kif ukoll għarfu fil-filmati bħala l-persuna tiela' t-taraġ viċin ta' fejn joqgħod, b'landa f'idu.

Il-Qorti tibda biex tosserva li b'mod ġenerali, għas-sejbien ta' ħtija fl-imputat għar-reati li dwarhom ikun ġie mixli fiċ-Ċitazzjoni, jeħtieg li l-Prosekuzzjoni tipprova rabta ossia *a link of causation* fil-każ ta' kull reat addebitat lill-imputat, bejn l-istess imputat

[4] Ara sentenza Dok. FC1, mogħtija fit-12 ta' Frar 2022.

u l-event kriminuż: ness li jrid jikkonvinċi lill-Qorti sal-grad taċ-ċertezza morali illi kien proprju l-imputat u ħadd iktar, li seta' wettaq dal l-att kriminuż. Din iċ-ċertezza trid tkun imnissla mir-riżultanzi ta' stħarriġ sħiħ u bir-reqqa tal-evidenza kollha miġjuba, tal-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha u s-sottomissjonijiet, li jifformaw parti mill-atti proċesswali, u f'xejn iktar jew inqas minn hekk.

Il-liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tissawwar f'moħħ il-ġudikant, ċertezza assoluta dwar il-ħtija, u dan għaliex huwa diffiċli li jintlaħaq dan il-livell ta' prova. Fl-ordinament ġuridiku tagħna huwa biżżejjed għas-sejbien ta' ħtija kriminali, li l-qorti tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni, u li dawn il-provi ma jkunux ġew newtralizzati mid-difiża fuq bażi ta' probabbilta`. Dan il-grad ta' prova, ċioe' ċ-ċertezza morali, hija l-ogħla wieħed li huwa maħsub fis-sistema ġuridiku tagħna sabiex tista' tinsab fl-akkużat il-ħtija għal reat kriminali. Jinkombi għalhekk lill-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex dan il-grad tal-prova jintlaħaq b'suċċess.

Ta' sikwit, il-Qorti ssib quddiemha każijiet fejn il-fatti li joħorġu mill-provi li ma jaqblux ma' xulxin jew ikun hemm xhieda li jagħtu verżjonijiet kontradittorji, bħal fil-każ li għandha quddiemha llum. Għandu jingħad iżda, illi l-fatt waħdu li l-imputat jiċħad l-allegazzjonijiet tal-Prosekuzzjoni u jkun jeżisti, għalhekk, konflitt fil-provi, ma jfissirx neċessarjament li l-imputat ghandu jigi liberat għaliex il-Qorti għandha tuża d-diskrezzjoni tagħha biex twieżen il-provi u tevalwa l-kredibbilita` tax-xhieda u tista' għalhekk tagħżel verżjoni waħda minn dawk opposti u hija fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tara lil min temmen u ma temminx meta hija rinfaccjata b'żewġ verżjonijiet kunfliġġenti.

Għall-fini tal-evalwazzjoni tal-kredibbilita` tax-xhieda f'każijiet bħal dawn, huma relevanti d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali. Dawn jipprovdu li għal dak li jirrigwarda ix-xhieda ta' persuni imsemmija mill-artikolu 633 u mill-artikolu 636 tal-istess Kodici, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li

fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża, id-deċiżjoni dwar il-kredibbilta` ta' dawn ix-xhieda titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti. Dan għandu jsir billi jittieħed qies mill-ġudikant tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa jew hijiex konsistenti, u ta' karatteristiċi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hijiex korroborata minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Kif ġie ritenut in materja mill-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**[5], mhux kull konflitt fil-provi ghandu neċessarjament iwassal għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata għaliex f'każ ta' konflitt fil-provi, «... *il-Qorti trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux*».

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef**[6] ġie ritenut li:

"*Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja.*"

Għal dak li jirrigwarda l-kredibbilita` tax-xhieda, l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċar li filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova meħtieġa għas-sejbien ta' ħtija kriminali, jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess artikolu jistipola li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti biex il-każ jigi ppruvat skont il-liġi. Dan il-prinċipju gie ripetutament riaffermat fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna in materja.

Ingħad illi:-

---

[5] Deciza 9.7.2003.

[6] Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Frar 2012

*« Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-principji, xhud ikun qieghed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati. Huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li jwassal sabiex dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih. »*[7]

Issa fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, l-imputat ġie mixli bħala l-awtur tad-delitt u l-unika prova diretta li nġiebet mill-Prosekuzzjoni li jorbot lill-imputat Jesmond Cassar mat-twettiq ta' dan id-delitt, m'hu ħadd ħlief l-kompliċi fl-istess delitt, Matthew Haidon.

Illi dwar il-valur probatorju tax-xhieda ta' kompliċi, issir referenza ghall-artikolu 639 (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

*(3) Meta l-uniku xhud kontra l-akkuzat dwar xi reat fi process li jinstema' quddiem il-gurati tkun persuna komplici, il-Qorti ghandha taghti direttiva lill-gurati biex jiznu x-xiehda li dak ix-xhud jaghti b' kawtela qabel ma jserrhu fuqha u jaslu biex isibu hati lill-akkuzat.*

Illi indubbjament l-istess pożizzjoni tgħodd wkoll għal din il-Qorti wara li l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat biex jiġi aġġudikat minnha taħt l-artikolu 370(3)(a) tal-Kap. 9 u l-istess imputat iddikjara li m'għandux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bil-proċedura sommarja. Dan fis-sens li l-korroborazzjoni tax-xhieda tal-kompliċi mhix meħtiega aktar wara l-introduzzjoni tal-emendi li saru bl-Att XVI tal-2006, iżda l-

[7] **Il-Pulizija vs Clifford Bugeja** – deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5.12.2019.

ġudikant xorta waħda jrid jipproċedi b'dik il-kawtela li l-każ ikun jirrikjedi qabel ma jiġi biex jistrieħ fuq xhieda bħal din biex isejjes sejbien ta' ħtija kriminali.

Il-ħsieb tal-leġislatur fir-rigward, bla dubju, jintrabat mal-fatt li l-kompliċi jkollu interess aktar minn ħaddieħor li jfarfar il-ħtija minn fuq spallejh, bil-possibbli tentazzjoni li jesaġera jew jiffrabbrika evidenza biex ikabbar il-ħtija ta' ħaddiehor u jnaqqas tieghu. Dan ma jfissirx li l-Qorti ma għandhiex temmen lil din ix-xhieda fin-nuqqas ta' korroborazzjoni minn xhud ieħor. Għall-kuntrarju, xejn ma jżomm lill-Qorti milli toqgħod fuqha u temminha kif ukoll li ssib ħtija fuqha u fuqha biss, anke mingħajr provi oħra, purche' x-xhieda tiġi eżaminata b'kawtela. Għalhekk, jekk m'hemm ebda raġuni kwalsiasi għaliex ix-xhud kompliċi ma għandux jitwemmen wara li jkun ġie evalwat il-komportament tiegħu fuq il-pedana tax-xhieda u l-konsistenza tal-verzjoni tiegħu ma' verzjonijiet preċedenti tiegħu u provi oħrajn fl-atti proċesswali, ix-xhieda tiegħu ma tistax titwarrab sempliċement għaliex hija x-xhieda ta' kompliċi.

Dan għaliex:-

"*Din hija xhieda permessa bil-ligi, u sta ghall-Qorti li qed tisma' l-kaz li tqis din ix-xhieda fil-kuntest tal-kaz li tkun qed tittratta. Din il-Qorti ma tarax li, bil-fatt biss, li xhieda ta' komplici hija permessa qed jinkiser id-dritt tal-akkuzat ghal smiegh xieraq. Komplici hija persuna li tista' titressaq bhala xhud bhal kull persuna ohra, basta, ovvjament, li l-akkuzat ikollu l-istess possibilita' ta' kontroll jew kontestazzjoni tal-persuna, kif ghandu f'kaz ta' kwalunkwe xhud iehor. Il-ligi trid, fl-artikolu 639(3), li jekk il-kaz kontra akkuzat tkun bazata biss fuq xhieda ta' komplici, min ikun irid jiddeciedi fuq il-htija, iqis dik ix-xhieda b'certa kawtela .... Ma jistax, pero', jinghad li xhieda ta' komplici hija, a priori, mhux permessibbli. Dik hija testimonjanza ta' persuna li, minhabba l-istat taghha ta' komplici, tkun, forsi, taf l-aktar fuq il-kaz, u ma ghandhiex tigi eskluza minhabba f'hekk. Il-principju ta' "equality of arms", ma jkunx gie mittiefes bil-fatt li tali xhieda tkun permessibbli, ghax dan ix-xhud huwa suggett ghall-iskrutinju miz-zewg nahat kif isir fil-kaz ta' kull xhud iehor. Il-kaz li x-xhieda ta'*

*komplici tista' tkun "tainted" minhabba varji cirkostanzi, tista' tinghad fil-konfront ta' kull xhud, u l-Qorti li quddiemha jkun ghaddej il-kaz, hija zgur kompetenti biex tevalwa x-xhieda, tqis l-affidabilita' tax-xhud, u tikkunsidra dik il-prova fid-dawl tal-provi l-ohra tal-kaz."*[8]

Matthew Haidon xehed quddiem din il-Qorti fid-9 ta' Ġunju 2022 u fl-24 ta' Jannar 2024, fejn stqarr illi kien ġie kkundannat definittivament dwar id-delitt tal-ħruq ġewwa l-Isla fid-19 ta' Jannar 2022. Il-fatt li x-xhud kien debitament proċessat b'mod finali għar-rwol tiegħu fid-delitt tal-ħruq volontarju, hu konfermat minn eżami tal-kopji legali tas-sentenzi mogħtija minn il-Qorti diversament preseduta fit-12 ta' Frar 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Jeffrey Scicluna, Spettur Mario Xiberras r-Repubblika ta' Malta v. Matthew Haidon** (Dok. FC1). Għalhekk ma għandux ikun hemm dubbju illi huwa kien xhud kompetenti u ma kellux jitqies aktar bħala ko-akkużat flimkien mal-imputat, billi l-proċeduri fil-konfront tiegħu kienu għaddew in ġudikat.

Matthew Haidon xehed illi fil-ġurnata li nħarqet il-karozza ta' Anthony Borg kien għadda għall-imputat, Jesmond Cassar ħdejn il-knisja tal-Bormla għall-ħabta tas-2.00 a.m. Kien l-imputat li kien qallu biex jiltaqgħu hemmhekk u ftit qabel huwa kien ċempillu biex jgħidlu li kien ġej. Dak iż-żmien hu kien jiltaqa' ma' Jesmond Cassar kważi kuljum u kkonferma li dak iż-żmien l-imputat kien jidher l-istess bħalma kien jidher illum[9], mhux twil u naqra iktar qawwi minnu. Meta għadda għall-imputat, huwa kien qed isuq il-karozza ta' missieru tal-għamla Toyota Windy ta' lewn aħdar[10] u meta daħal fil-karozza l-imputat kellu landa blu taż-żejt tal-ħames litri iżda ma jafx x'kien hemm fiha, għalkemm f'xi waqt iktar tard kien xamm riħa tal-petrol. Minn hemmhekk marru l-Isla fejn Jesmond Cassar qallu li għandu karozza "*kemm jeħsilha biss*" iżda ma kienx qallu eżatt x'kien ser jagħmel u lanqas qallu ta' min kienet din il-

[8] Qorti Civili Prim'Awla (Sede Kostituzzjonal) – **Il-Pulizija (Spettur Angelo Gafa) vs Patrick Spiteri** deciza 25/05/2012 (ref.66/2011)

[9] 9 ta' Ġunju 2022.

[10] Mix-xhieda ta' Karen Cremona jirriżulta li l-vettura ABJ-137 tal-għamla Toyota Corsa ta' kulur aħdar hi reġistrata f'isem Vincent Haidon u dan ġie kkonfermat mill-istess Vincent Haidon fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti.

karozza. L-imputat niżel minn ġol-karozza u ħareġ landa mill-karozza, u telaq bil-mixi, filwaqt li hu baqa' jistennih fil-karozza. Qabel niżel l-imputat talbu s-sidrija li kien liebes dak il-ħin u hu tahielu iżda ma kienx għaddielu minn moħħu biex jistaqsi għaliex ried jilbisha. L-imputat kien liebes ukoll maskra. Wara xi ħin, l-imputat niżel jiġri u qallu biex jersaq ħalli jsuq hu. Il-kliem tiegħu kien: "*ersaqli, ersaqli għax ġejjin biex jaqbdu jtuna*" u hu resaqlu għal fuq is-seat tal-passiġġier u l-imputat saq il-karozza bis-saħħa 'il barra mill-Isla. Dak il-ħin xamm riħa ta' petrol iżda l-imputat ma kellu xejn f'idejh meta ġie lura fil-karozza.

Matthew Haidon xehed li kien biss l-għada li huwa sar jaf li l-imputat kien ħaraq karozza għaliex bdiet iddur il-kelma li kienu ħarqu il-karozza ta' Tony l-Hussie. Ikkonferma li kien mar darba qabel ħdejn ir-residenza ta' Anthony Borg u dan flimkien mal-imputat. Din ir-residenza kienet tinsab in-naħa ta' fuq tal-Isla u meta kien wassal lill-imputat l-Isla dakinhar tal-ħruq, huwa kien waqaf xi tliet toroq 'il bogħod mit-triq fejn joqgħod Anthony Borg. Innega li kien hu li ħaraq il-karozza ta' Anthony Borg u saħaq li lanqas jafu u kien iltaqa' miegħu biss darba.

Matthew Haidon ċaħad meta ġie mistoqsi in kontro-eżami li kien hu li kien mela l-landa bil-petrol ġewwa l-garaxx ta' missieru fil-Kalkara u sostna li qatt ma żamm petrol fil-garaxx.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi t-traskrizzjoni tax-xhieda ta' Matthew Haidon fil-proċeduri fil-konfront tiegħu nnifsu quddiem il-Qorti diversament preseduta ma tistax titqies bħala x-xhieda tax-xhud fil-proċeduri odjerni għaliex l-artikolu 646(1) tal-Kodiċi Kriminali hu ċar u inekwivoku li x-xhieda għandhom dejjem jiġu eżaminati fil-qorti u *viva voce* u l-eċċezzjonijiet għal din ir-regola jinsabu elenkati b'mod kategoriku fid-dispożizzjonijiet tas-subartikoli sussegwenti tal-istess artikoli 646. Għaldaqstant, il-Qorti mhux sejra tqis jew tagħti valur probatorju lix-xhieda ta' xhud li ma ġiex eżaminat quddiemha fil-kumpilazzjoni odjerna ħlief għall-fini tal-kontroll tal-kredibbilita' tal-verżjoni tiegħu jekk ikun hekk meħtieġ.

Il-Qorti tqis illi s-sostanza tal-verżjoni ta' Matthew Haidon baqgħet konsistenti u tosserva illi huwa qatt ma kkontradixxa ruħu b'xi dettall materjali u kull darba li xehed, inkluż fid-depożizzjoni tiegħu fil-proċeduri fejn ġie kkundannat għall-istess delitt, huwa dejjem ikkonferma li l-imputat kien talbu jgħaddi għalih il-Bormla, meta daħal fil-karozza l-imputat kien qed iġorr landa blu, l-imputat talbu jwaqqfu l-Isla għaliex ried jagħmel xi ħsara lil xi karozza, li qabel ħareġ mill-karozza l-imputat biddel il-ħwejjeġ u libes ukoll maskra, ħareġ bil-landa f'idu, wara ftit minuti reġa' ġie jiġri, daħal fil-karozza u qallu "*ersaqli għaliex ħa jaqbdu jtuna*", u saq il-karozza huwa stess bis-saħħa 'l barra mill-Isla.

Il-fatt li x-xhud ma ftakarx xi rqaqat bħal fejn l-imputat poġġa l-landa bil-petrol meta daħal fil-karozza, jekk hux quddiem jew wara, jew fejn mar l-imputat wara li telqu minn fuq il-post, jew jekk kienx ħa d-droga mal-imputat minnufih qabel sar id-delitt, u l-fatt li fix-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti, Matthew Haidon ma kienx reġa' semma li l-imputat kien talbu jwaqqfu l-Marsa qabel wasslu l-Isla u ma reġgħex qal li l-imputat biddel ukoll il-flokk qabel ħareġ mill-karozza[11], ma jinċidix, fil-fehma tal-Qorti, fuq il-kredibbilita' tal-verżjoni tiegħu dwar l-involviment tal-imputat f'dan id-delitt. **Ix-xhud ma ġie kontradett f'ebda fatt materjali formanti parti mill-verżjoni tiegħu, liema verżjoni tiegħu dejjem baqgħet konsistenti anke meta xehed in kontro-eżami sena u nofs wara. Fuq kollox, il-verżjoni tiegħu ma ġietx kuntrastata b'xi provi kuntrarji u hija konsistenti wkoll fis-sostanza mad-depożizzjoni tiegħu quddiem din il-Qorti diversament preseduta fil-kawża fejn għalkemm daħal f'iktar dettall dwar il-movimenti tiegħu u tal-imputat fil-ħinijiet qabel id-delitt, dan ma jnaqqasx, fil-fehma tal-Qorti mill-veraċita' tal-verżjoni tiegħu.**

It-teżi tad-difiża hi li kien Matthew Haidon innifsu u mhux l-imputat li wettaq il-ħruq u tikkontendi wkoll li l-aċċellerant li ntuża għall-ħruq kien ipprovdut minn Matthew Haidon innifsu meta kien mela l-landa bil-petrol ġewwa l-garaxx tiegħu fil-Kalkara. Skont id-difiża, il-persuna li tidher fir-ritratt f'paġna 53 tal-atti tal-kompilazzjoni u l-

[11] Ara xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti diversament preseduta fit-12 ta' Frar 2022.

persuna li tidher fir-ritratt f'paġna 100 tal-atti, meħudin minn żewġ CCTV cameras differenti f'pożizzjonijiet differenti, juru l-istess persuna u li din il-persuna hija Matthew Haidon. Il-Prosekuzzjoni taqbel illi l-persuna li tidher fir-ritratt f'paġna 100 m'huwiex l-imputat iżda Matthew Haidon u tisħaq illi dan ir-ritratt ittieħed minn CCTV camera fl-akkwati tar-residenza tal-istess Matthew Haidon fil-Kalkara ftit tal-ħin qabel id-delitt u miegħu kien hemm l-imputat Jesmond Cassar jistennih fil-karozza, fejn jidher ħiereġ mill-karozza u jagħmel il-bżonnijiet tiegħu fit-triq, liebes flokk bl-istrixxi[12].

Anke jekk għal mument, il-Qorti kellha tagħti piż lill-allegazzjoni li saret mid-difiża li Matthew Haidon kien mela l-landa bil-petrol huwa stess mill-garaxx tiegħu fil-Kalkara – liema allegazzjoni jidher li saret b'riferenza għall-filmati minn CCTV camera fi Triq ir-Rinella, Kalkara (Dok. JS1)[13] fejn Matthew Haidon ukoll għaraf lilu nnifsu ħiereġ minn bieb b'barmil f'idejh fil-ħinijiet qabel id-delitt – dan jista' jfisser biss illi kuntrarjament għal dak li xehed quddiem il-Qorti, huwa kien jaf li l-imputat ried jaħraq u mhux sempliċement jagħmel ħsara lit-tyres ta' xi karozza. Żgur li din il-possibbilita' – mhux probabbilita' - ma xxejjinx il-bqija tal-verżjoni ta' Matthew Haidon dwar is-sehem tal-imputat fil-ħruq doluż u fil-fatt, Matthew Haidon fl-ebda ħin ma ġie mistoqsi minn xi ħadd għaliex waqaf iġib barmil mir-residenza tiegħu wara li għadda għall-imputat il-Bormla, u x'kien qed iġorr fil-barmil. Għalhekk, billi kull tweġiba tista' tkun ibbażata biss fuq spekolazzjoni, jikkonsegwi illi din it-tezi tad-difiża baqgħet ma ġietx sostanzjata kif imss biex tilħaq il-grad tal-probabbli.

Hawnhekk il-Qorti tippreċiża wkoll illi l-Ispettur Mario Xiberras kif ukoll PS 90 Jeffrey Gerada għarfu pożittivament lill-persuna li tidher fil-filmati tal-cameras ġewwa Triq ir-Rinella, Kalkara, liebsa l-flokk bl-istrixxi, bħala l-imputat Jesmond Cassar u dan ipoġġi lill-imputat inkonfutabbilment fuq ix-xena flimkien ma' Matthew Haidon biss ftit ħin qabel id-delitt. Il-Qorti tosserva wkoll illi Matthew Haidon fix-

[12] Ara Cam 03 u Cam 05 ta' 61, Triq ir-Rinella Kalkara 3rd Download – fejn jidher persuna bi flokk bl-istrixxi.

[13] Ħin fuq il-camera bejn 03:06 u 03:11hrs – biex wieħed jasal għall-ħin rejali irid inaqqas 14-il minuta u 28 sekonda.

xhieda tiegħu fil-proċeduri fil-konfront tiegħu stess, kien xehed illi meta għadda għall-imputat il-Bormla huwa kien liebes flokk bl-istrixxi.

Wieħed ma jridx jinsa wkoll illi Anthony Borg kien mill-ewwel għaraf b'ċertezza lill-persuna li tidher tiela' taraġ fil-filmat ta' CCTV camera ġewwa Triq Sant'Anglu, Isla, bħala l-imputat Jesmond Cassar u dan mill-mixja partikolari tiegħu. Identifikazzjoni li saret ukoll għall-istess raġuni minn PS 90 Jeffrey Gerada.

Dan kollu jkompli jagħti affidabbilita' lill-verzjoni ta' Matthew Haidon li qabel wettaq id-delitt, l-imputat kien ukoll biddel ħwejġu fil-karozza. Fil-fatt, tabilħaqq qabel ġie muri meta kien fuq il-pedana tax-xhieda il-filmati li juru l-persuna tiela' t-taraġ fl-Isla b'landa f'idu, Matthew Haidon kien diġa' xehed li l-imputat ħareġ mill-karozza bil-landa blu li kien ġab miegħu, u iddeskriva wkoll l-ilbies li kien liebes l-imputat wara li kien biddel fil-karozza – hu qal li "*kellu l-flokk tiegħu*" u libes is-sidrija tiegħu stess u libes ukoll maskra – ħwejjeġ prattikament identiċi għall-ħwejjeġ li tidher liebsa l-persuna tiela' t-taraġ ħdejn ir-residenza ta' Anthony Borg, il-persuna li Anthony Borg identifika bħala l-imputat. Sinjifikanti wkoll il-fatt illi fix-xhieda tiegħu Matthew Haidon qal li meta ġie lura lejn il-karozza, l-imputat ma kellu xejn f'idejh u ma kienx ġie lura bil-landa l-blu li kien ħadu miegħu meta kien ħareġ mill-karozza. Dan huwa konsistenti mal-fatt illi l-kontenitur effettivament tħalla fuq il-post tal-ħruq fejn insabet imdewba fit-triq[14], liema kontenitur jirriżulta li huwa ta' lewn blu, kif deskritt minn Matthew Haidon.

Id-difiża saħqet illi huwa impossibbli li kien l-imputat il-persuna li tidher fil-filmat Dok. JS1, elevat minn CCTV camera ġewwa 29, Triq Sant'Anġlu, Isla, tiela' t-taraġ tal-Isla immedjatament qabel ġie kommess id-delitt[15], għaliex l-istatura tiegħu hi differenti minn dik tal-imputat - li huwa qasir u mbaċċaċ - kif ukoll għaliex is-sidrija

---

[14] Ara ritratti paġna 32 u paġna 33 tal-proces-verbal: relazzjoni ta' David Borg Saydon u xhieda PS 586 Mario Azzopardi.
[15] Ara filmat Dok. JS1.

ta' Matthew Haidon, li huwa pprova jilbisha fl-awla quddiem il-Qorti, ma tiġihx[16]. Iżda l-Qorti, għalkemm ilha tara lill-imputat Jesmond Cassar quddiemha b'mod regolari għal dawn l-aħħar sentejn u nofs, ma tistax teskludi li l-imsemmija persuna hi l-imputat sempliċement għaliex is-sidrija llum ma tiġihx sew, anke għaliex kien evidenti li bi ftit tqanżih huwa rnexxielu jilbisha (għad li ma tingħalaqx) minkejja l-fatt illi mix-xhieda jirriżulta illi llum huwa iktar qawwi milli kien fiż-żmien tad-delitt. Fil-fatt, kif irrimarka Anthony Borg, il-vittma tar-reat, fiż-żmien tad-delitt l-imputat kien ferm irqaq milli hu llum. Għandu jingħad ukoll illi t-triq m'hijiex imdawla biżżejjed biex jista' jiġi stabbilit konklussivament li s-sidrija kienet magħluqa u mhux miftuħa.

Dak li tista' teskludi l-Qorti b'qies ta' ċertezza, iżda, huwa li kien Matthew Haidon il-persuna li tidher tiela' t-taraġ fil-filmat[17] fil-ħin tat-03:13 a.m. għaliex evidentement, fil-filmati li ttieħdu minn CCTV cameras ġewwa Triq ir-Rinella, Kalkara[18], huwa jidher liebes żarbun bi strixxa bajda mad-dawra tal-parti t'isfel taż-żarbun filwaqt li ż-żraben tal-persuna tiela' t-taraġ ma għandhomx din l-istess strixxa bajda. Din l-osservazzjoni tkompli ssaħħaħ il-kredibbilita' tal-verżjoni ta' Matthew Haidon li huwa kien wassal lill-imputat l-Isla u l-imputat kien biddel ħwejġu u ħareġ mill-karozza tiegħu b'kontentitur f'idejh biex jagħmel ħsara lil xi karozza oħra.

Barra dan kollu, fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti, Anthony Borg ikkonferma illi huwa kien għaraf lill-imputat fil-filmati li kien urih l-Ispettur, bħala l-imputat Jesmond Cassar għaliex kien għaraf il-forma tiegħu minkejja li kellu rasu mgħottija, u għarfu mill-mixja u mill-għamla tiegħu ("*għax qasir u kif jimxi, il-pożizzjoni kif jimxi, għalhekk għaraftu ... dik il-forma lilu biss tkun*"). Iddikjara li lill-imputat jagħrfu minn mili 'l bogħod għaliex kienu ikunu flimkien ta' sikwit. Fir-rigward tal-filmat fejn kien għaraf lill-imputat, liema filmat kien ra xi nofs minuta minnu, fejn kien

[16] Din is-sidrija sewda ġiet elevata mill-pussess ta' Matthew Haidon meta ġie arrestat u ġiet esebita fl-atti ġewwa evidence bag Dok. JG8 (ara ritratt Dok. JG9). Ara xhieda ta' PS 90 Jeffrey Gerada.
[17] Dok. JS1, Camera 2, 29 Triq Sant Anglu, Isla.

[18] CAM02 Filmat bejn 03:06 u 03:11 a.m.

jidher xi ħadd tiela' t-tarag tal-Isla fejn joqgħod hu[19] b'landa f'idu, xehed ukoll: "*Sa dak iż-żmien niftakru sew u ċert li kien hu. ... Meta urihuli l-ispettur għaraftu mill-ewwel, kif kien dak iż-żmien ...*" u dan minkejja li "*wiċċu kien mgħotti u kien liebes tax-xitwa*". Għall-Qorti, hu evidenti li r-riferenza hija għall-filmat meħud minn CCTV camera fi (28), Triq Sant'Anglu, Isla, fejn tidher persuna liebsa lbies skur tiela' t-taraġ b'kontenitur f'idha[20].

Anthony Borg ikkonferma wkoll li l-imputat dak iż-żmien ma kienx oħxon u kien jaf li dak iż-żmien kien qed jieħu d-droga. Kien jafu meta kienu l-ħabs u wara kien jgħinu billi jdaħħlu għandu d-dar u itih x'jiekol fiż-żmien meta l-imputat kien joqgħod f'dar ta' Mid-Dlam għad-Dawl li kien qrib ir-residenza tiegħu u kien iwasslu lura. Ikkonferma li l-imputat kif rah fl-awla meta ddepona quddiem il-Qorti fil-25 ta' Jannar 2024, huwa iktar imbaċċaċ milli kien fiż-żmien meta kienu jiltaqgħu ta' spiss, qabel kien ġie arrestat "*Hemm daqsxejn differenza*"[21].

Hemm ukoll il-fatt illi n-numru tal-mobile phone ta' Matthew Haidon, 99793218, jirriżulta li ċempel fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija fl-istess ġurnata tad-19 ta' Jannar 2022 għall-ħabta tad-9.01 p.m.[22] fejn mir-*recording* li ġie ppreżentat minn PC 148 Matthew Tonna (Dok. MT2) jirriżulta illi tkellmu żewġ persuni minn fuq l-imsemmi mobile phone, fejn wieħed minnhom identifika ruħu bħala "Jesmond Cassar it-Tito" u ried ikellem lill-Ispettur Mario Xiberras, l-Uffiċjal Prosekutur, biex jispjega għaliex ma kienx mar jiffirma fl-Għassa tal-Pulizija fis-2.30 p.m. Fil-fatt, l-Ispettur Mario Xiberras ikkonferma fix-xhieda tiegħu li huwa kien għaraf leħen Jesmond Cassar bħala l-persuna li identifika ruħha bħala Jesmond Cassar, imlaqqam 'it-Tito'. Dan ikompli jsaħħaħ il-konnessjoni bejn Matthew Haidon u l-imputat u l-fatt li kienu jkunu flimkien ta' spiss tant illi reġgħu ltaqgħu iktar tard dakinhar tad-delitt. Anthony

---

[19] Ara xhieda ta' Anthony Borg, paġna 468 tal-atti tal-kompilazzjoni.
[20] Ara ritratt Dok. MX9, meħud mill-filmat Dok. JS1 minn camera ġewwa 28, Triq Sant Anglu, Isla, u Dok. JS2 f'paġna 217 tal-atti tal-kompilazzjoni.
[21] Fil-fatt, Anthony Borg fir-ritratti li mhux dawk fejn tidher persuna tiela' t-taraġ, ma setax jikkonferma li jagħraf il-persuna li tidher fir-ritratti bħala l-imputat (ritratti f'paġna 211 sa paġna 219 tal-atti) imma reġa' sostna li fil-filmati li wrih l-ispettur tat-taraġ kien għarfu iżda ma għarfux fl-imsemmija ritratti 211 sa 219.
[22] Ara call profile Dok. MX6.

Borg ukoll xehed illi jaf li dak iż-żmien l-imputat kien ikun ta' spiss ma' Matthew Haidon.

Hawnhekk, il-Qorti tqis li għandha tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet dwar il-prova tat-telefonata li saret bejn in-numru 99884626 u n-numru 99793128 fid-19 ta' Jannar fit-2:42h u l-*geolocation data* relevanti.

Għalkemm in-numru tal-mobile 99793128 u n-numru 99884626 ma jirriżultax li huma reġistrati ma' *service providers* f'isem l-imputat jew f'isem xi ħadd ieħor, jirriżulta mir-rapport NPS 4/G/1415/2021 illi Matthew Haidon bin-numru tal-karta tal-identita' 0591377M irrapporta fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija fis-26 ta' April 2021 illi kien tilef il-liċenzja tas-sewqan tiegħu.

In kwantu n-numru 99884626 l-Ispettur Jeffrey Scicluna xehed illli n-numru tal-mobile phone 99884626 ingħata lilu minn Anthony Borg bħala n-numru ta' Jesmond Cassar iżda dan ma ġiex ikkonfermat minn Anthony Borg fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti. Fil-fatt, il-Qorti tqis illi jekk ma jiġix stabbilit minn provi oġġettivi illi n-numru tal-mobile 99884626 jappartjeni lil jew jinsab reġistrat f'isem l-imputat jew jintuża minnu, ftit li xejn tista' tkun ta' rilevanza l-*engineering data* bil-pożizzjoni ġeografika ta' dan il-mobile phone fil-ħinijiet tal-kommissjoni tad-delitt. Kif taraha l-Qorti, il-Prosekuzzjoni irnexxielha turi b'mod sodisfaċjenti li n-numru tal-mobile phone 99793128 kien jintuża minn Matthew Haidon – dan kif jirriżulta mir-rapport NPS 4/G/1415/2021 - iżda mhux fatt ikkontestat li l-istess Matthew Haidon kien fl-akkwati tal-ħruq għaliex xehed huwa stess li għadda għall-imputat u wasslu lill-imputat l-Isla fejn allegatament ikkommetta d-delitt. Dak li jeħtieġ li jiġi stabbilit, biex din it-telefonata u l-*geolocation data* relattiva, tiswa bħala evidenza ċirkostanzjali li tikkorrobora t-teżi tal-Prosekuzzjoni, huwa ness bejn in-numru 99884626 u l-imputat Jesmond Cassar. Madanakollu, dan in-ness ma ġiex stabbilit b'mod konklussiv mill-provi[23].

[23] Huwa minnu li l-Ispettur Jeffrey Scicluna xehed illi matul l-investigazzjonijiet Anthony Borg kien infurmah li n-numru tal-mobile ta' Jesmond Cassar huwa 99884626 iżda dan ma jirriżulta minn imkien fix-

Stabbilit illi l-imputat kien flimkien ma' Matthew Haidon fil-karozza tiegħu fil-ħinijiet tad-delitt u stabbilit ukoll li l-imputat intgħaraf b'landa f'idejh tiela' t-taraġ viċin ir-residenza ta' Anthony Borg, u huwa raġjonevolment esklużż li l-persuna li tidher fil-filmat meħud minn CCTV camera fi Triq Sant'Anġlu, Isla, fil-ħin tad-delitt (ritratt Dok. MX9) huwa Matthew Haidon, il-Qorti hija moralment konvinta dwar is-sehem attiv tal-imputat fid-delitt tal-ħruq doluż ċioe' li kien Jesmond Cassar il-persuna li ta n-nar lill-vettura ta' Anthony Borg, liema nar qabbad ukoll il-bieb tar-residenza tiegħu. Ma hemm xejn fil-provi li jipperswadiha li l-verżjoni tal-kompliċi għandha tiġi skartata jew li jagħti lok għal dubju li huwa raġjonevoli dwar is-sehem tal-imputat fid-delitt, jew li juri li probabbilment ma kienx l-imputat iżda xi ħaddieħor, li wettaq dan id-delitt. Kif ingħad, ix-xhieda ta' Matthew Haidon hija korroborata minn evidenza ċirkostanzjali li tagħti fejda lill-verżjoni tiegħu u l-Qorti tirravviża dik is-sikurezza fil-provi li tistabbilixxi l-ħtija tal-imputat lil hinn minn dubju li huwa raġjonevoli[24].

Inċidentalment, il-Qorti tinnota wkoll li l-verżjoni fix-xhieda ta' Matthew Haidon fil-proċeduri kontrih (Dok. FC2) huwa qal li l-imputat, meta ġie lura lejn il-karozza, nizel minn sqaq ieħor bit-taraġ, u mhux mit-triq jew direzzjoni li kien għadda minnha meta kien ħareġ mill-karozza qabel. Din hija konsistenti mal-fatt illi l-persuna tiela' t-taraġ bil-landa f'idha baqgħet ma reġgħetx niżlet mill-istess taraġ filmat.

Il-Qorti ma taqbilx lanqas illi meta Matthew Haidon kixef lill-imputat odjern bħala l-awtur tad-delitt, kien qed jaġixxi minħabba motivi ulterjuri u speċifikatament, biex

xhieda tal-istess Anthony Borg quddiem il-Qorti. Jiġi osservat illi lanqas Matthew Haidon, li xehed li kien ċempel lill-imputat qabel għadda għalih il-Bormla, ma ġie mistoqsi biex jipprovdi n-numru tal-mobile li fuqu kien ċempel lill-imputat. Għaldaqstant, filwaqt li tassew jirriżulta li Matthew Haidon għamel it-telefonata li semma fix-xhieda tiegħu lin-numru 99884626, dan il-fatt waħdu mingħajr iktar, mhuwiex prova illi dan l-imsemmi numru jappartjeni lill-imputat u kwindi, prova li din it-telefonata saret lill-imputat Jesmond Cassar.

[24] Pollock C.B (Criminal Evidence (3rd Edition) [1995], Richard May (Sweet and Maxwell Criminal Practice):- *Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of."* - Ċitat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-14 ta' Frar 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Freddie Delia et**.

jingħoġob mal-Prosekuzzjoni u jikseb xi vantaġġ għalih a skapitu ta' xi kompliċi ieħor diġa' suspettat jew akkużat. Wara kollox, meta kixef lill-imputat, Matthew Haidon kixef persuna li sadanittant kienet **diġa' qed tiġi suspettata** bħala l-awtur tad-delitt, għaliex skont kif jirriżulta mix-xhieda tal-Uffiċjali Investigattivi, huma bdew jissuspettaw fl-imputat minnufih minħabba l-*modus operandi* partikolari tal-ħruq, u kien diġa' kisbu l-*call profile* tiegħu fejn irriżultalhom li kien irċieva telefonata mingħand numru li fis-sistema tal-Pulizija kienet reġistrata f'isem Matthew Haidon. Iktar minn hekk, l-imputat intgħaraf minn Anthony Borg, il-vittma, kif ukoll minn PS 90 Jeffrey Gerada bħala l-persuna li kienet qed iġġorr landa fil-viċinanzi tax-xena tad-delitt ftit minuti qabel.

Fil-fatt, Matthew Haidon spiċċa jiġi kkundannat għar-rwol tiegħu fid-delitt tal-ħruq doluż mingħajr ebda temperament fil-piena taħt l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali u mingħajr la ntlaħaq u lanqas hemm x'jissuġġerixxi li kien hemm xi tentattiv għal xi patteġġjament mal-Prosekuzzjoni in konnessjoni mal-iżvelar ta' din l-informazzjoni u x-xhieda tiegħu f'proċeduri kontra l-imputat odjern.

Fuq kollox, din il-Qorti setgħet tosserva l-komportament tax-xhud Matthew Haidon fuq il-pedana tax-xhieda fejn ġie wkoll kontro-eżaminat mid-difiża, u ma riskontrat assolutament xejn li qanqlilha suspett li ma kienx qed jixhed il-verita' u li l-verżjoni tiegħu m'hijiex affidabbli[25].

Kollox magħdud, u mingħajr ebda ħjiel ta' suspett jew indizzju li x-xhud ma kienx qed jgħid il-verita' u jew li kien motivat b'malizzja meta implika lill-imputat odjern, il-Qorti ma temminx li Matthew Haidon ivvinta jew iffabbrika l-involviment tal-imputat odjern f'dan id-delitt. Għall-kuntrarju, hi temmen lil dan ix-xhud u sejra tqis

---

[25] *"Illi allura meta ma ikunx hemm prova ohra la diretta u lanqas cirkostanzjali li jistghu jitfghu xi dawl fuq l-akkadut, ghandhom rwol rizoluttiv il-kredibilta' u l-attendibilita' ta' xhieda ghas-soluzzjoni tal-vertenza. Din il-kredibbilita' u attendibilita' f'dawn it-tip ta' kawzi hafna drabi tohrog mill-komportament tax-xhud, oltre l-inkonsistenzi fid-deposizzjoni taghha "**u kien ghalhekk li inghad mill-Qrati Inglizi, segwiti anke mill-qrati taghna illi 'great weight should be attached to the finding of fact which the judge of first instance has arrived', appuntu ghaliex 'he has had the opportunity of testing their credit by their demeanour under examination.**'* - **Il-Pulizija (Spettur Sandra Zammit) vs. Emanuel Abela**, deciza nhar it-13 ta' Ottubru, 2014, numru 866/2011

ix-xhieda tiegħu bħala kredibbli u sejra tagħtiha l-piż li jistħoqqilha bħala prova sħiħa u kompjuta minn kollox daqslikieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar.

B'hekk, kollox magħdud, il-Qorti hi tal-fehma li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova fil-grad rikjest mil-liġi għal sejbien ta' ħtija kriminali, l-involviment tal-imputat f'dan il-ħruq bħala l-awtur tad-delitt tal-ħruq tal-bieb tad-dar ġewwa 52, Triq Sant'Anglu, Isla u l-vettura Toyota ta' Anthony Borg fid-19 ta' Jannar 2022.

Ikkunsidrat;

Dwar id-delitt innifsu, Anthony Borg xehed illi f'xi 3.30 a.m. kien qam għaliex sema' l-klieb jinbħu u xi ġirien jgħajtu li kien hemm karozza taqbad. Hu xamm riħa ta' duħħan u kif ittawwal mit-tieqa ra l-karozza tiegħu tal-għamla Toyota Yaris bin-numru ta' reġistrazzjoni DCJ 943[26], taqbad u l-ġirien jitfgħu l-ilma. Dak il-ħin fid-dar kien hemm ukoll ommu u l-ħabib tagħha Charles Degiorgio, u ommu bdiet tnewwillu l-bramel bl-ilma u beda jitfgħu fuq il-karozza. Ra li l-bieb tad-dar ukoll kien qabad u d-dar imtliet bid-duħħan u bil-frak iswed, iżda n-nar fil-bieb malajr intefa' għaliex xi ħadd mill-ġirien tefa' barmil ilma u ntefa. Il-bieb tal-kantina wkoll imtela bil-mugrufin u swied iżda ma kienx ħa n-nar. B'riżultat tal-ħruq, il-vettura tant ġarrbet ħsara li kellha tintrema.

Censina Borg ikkonfermat illi kif fetħet il-bieb tal-kamra tagħha wara li semgħet lill-ġara tgħajtilha, rat foga fil-kamra u xammet riħa ta' ħruq. Meta niżlet isfel, rat li isfel ukoll kien hemm daħna. Meta fetħet il-bieb ta' barra rat li l-bieb kien maħruq u l-purtieri ta' ġewwa wkoll kienu maħruqin, iżda l-ġara kienet diġa tfiet in-nar. Imbagħad bdiet timla l-bramel bl-ilma u tnewwillhom lit-tifel biex jitfa' l-ilma fuq il-karozza tiegħu li kienet qed taqbad.

---

[26] Ara xhieda ta' Karen Cremona in rappreżentanza tal-Awtorita' għat-Trasport f'Malta, 4 ta' Mejju 2022, u Dok. KC1: fid-19 ta' Jannar 2022 il-vettura Toyota Yaris kienet reġistrata f'isem Anthony Borg bil-karta tal-identita' bin-numru 260783M.

Il-ħsarat li ġarrbet il-vettura ta' Anthony Borg jidhru fir-ritratti formanti parti mir-relazzjoni ta' David Borg Saydon[27], filwaqt li l-ħsarat fuq il-bieb tar-residenza tiegħu jidhru fir-ritratti formanti parti mill-istess relazzjoni[28]. Il-Perit Valerio Schembri, ukoll maħtur bħala espert fl-inkjesta dwar l-in genere, ikkostata fir-relazzjoni tiegħu illi l-ħsarat fil-faċċata tal-fond 52, Triq Sant'Anġlu, Isla, mikri lill-omm Anthony Borg, kienu jikkonsistu fi ġmied u nigrufun u ħruq ta' żewġ bibien tal-fond. Ix-xogħol riparatorju biex jissewwew dawn il-ħsarat, konsistenti fit-tindif u trattament tal-faċċata kif ukoll fit-tqaxxir taż-żebgħa u tiżbigħ mill-ġdid, jiswa ċirka €2,000.

Il-Prokuratur Legali Quentin Tanti, rappreżentant ta' Posta Insure Agency Limited u espert li jitqabbad f'materji dwar vetturi, xehed illi l-valur fuq is-suq tal-vettura Toyota Yaris li jirriżulta li kienet manifatturata fis-sena 1999, kien ta' medja bejn €2,500 u €3,000.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat huwa mixli bir-reati taħt l-artikoli 316(a) u 317(a)(i) tal-Kodiċi Kriminali.

L-artikolu 316 tal-Kap. 9 jiddisponi li huwa ħati ta' reat:

"*Kull min volontarjament jagħti n-nar lil dar, maħżen, ħanut, dar ta' abitazzjoni, bastiment, vettura, baċil jew bini ieħor, għarix, jew xi lok ieħor, meta hemm ġew ikun hemm persuna fil-waqt tal-ħruq.*[29]

---

[27] Ara paġni 29 sa 32 tal-*proces-verbal*.

[28] Paġni 33, 34 tal-*proces-verbal*. Ara wkoll ritratti FS 220057 22 ACE 101 sa 108 li juru l-ħsarat li saru fil-vettura bil-ħruq (Dok. MA1, relazzjoni PS 586 Mario Azzopardi). Ir-ritratti FS 220057 ACE 109 sa 113 taż-żewġ bibien u l-faċċata tal-fond li nħarqu.

[29] Jekk ebda persuna ma titlef ħajjitha, iżda l-ħati seta' jobsor li f'dak il-waqt hemm ġew kien hemm xi persuna, il-piena applikabbli hi dik preskritta skont il-paragrafu (a) tal-artikolu 316 tal-Kap. 9, kif indikat mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju, ċioe' priġunerija minn sitt snin sa tnax-il sena.

Il-Qorti wara li fliet l-atti u l-provi proċesswali tqis li l-elementi kollha kostituttivi ta' dan ir-reat jirriżultaw abbundantement sodisfatti mill-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni. Jirriżulta wkoll illi dan il-fond huwa dar ta' abitazzjoni, fejn dak iż-żmien kienu jabitaw Anthony Borg u ommu Censina Borg li fil-ħin tal-ħruq kienu ġewwa r-residenza.

Il-Qorti tosserva illi l-prova li n-nar qabbad jew seta' potenzjalment iqabbad l-ambjenti **interni** tal-fond jew jikkaġuna ħsarat strutturali lill-fond, m'hijiex fost l-elementi essenzjali ta' dan ir-reat u l-fatt innifsu li ngħata n-nar lill-bieb ta' dar ta' abitazzjoni, huwa biżżejjed biex jirradika ħtija għal dan ir-reat jekk jiġi ppruvat ukoll li dak il-ħin kien hemm persuna jew persuni ġewwa. F'kull każ, mill-provi huwa stabbilit illi l-bieb prinċipali tal-fond effettivament inħaraq, inħarqu wkoll il-purtieri ta' wara l-istess bieb u daħlet foga u daħna ġewwa l-fond innifsu.

Għall-fini tal-piena, il-paragrafu (a) tal-artikolu 316 tal-Kap. 9 jipprovdi li jekk ebda persuna ma titlef ħajjitha, il-ħati jeħel il-piena ta' priġunerija minn sitt snin sa tnax-il sena **jekk huwa seta' jobsor li f'dak il-waqt hemm ġew kien hemm xi persuna**. Il-Qorti, fil-qies taċ-ċirkostanzi tal-każ, meta anke mir-ritratti tal-faċċata tal-fond huwa evidenti li din mhux biss hija dar ta' abitazzjoni iżda waħda li m'hijiex fi stat dilapidata jew żdingata u iżda miżmuma fi stat esternament tajjeb, wieħed seta' faċilment jobsor li kien hemm persuni hemm ġew fil-ħin tal-ħruq.

L-artikolu 317 tal-Kap. 9, ukoll addebitat lill-imputat, jiddisponi illi huwa ħati ta' reat:

*Kull min volontarjament jagħti n-nar lil bini, vettura, għarix, jew lok ieħor imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, iżda meta ġewwa ma jkun hemm ebda persuna fil-waqt tal-ħruq, jew, kull min volontarjament jagħti n-nar lil materjal li jaqbad, u dan il-bini, vettura, għarix, jew lok ieħor, jew dan il-materjal, ikun qiegħed b'mod li jista' jqabbad il-ħruq lil bini ieħor, għarix, jew lok ieħor, fejn f'dak il-waqt hemm ġewwa jkun hemm xi persuna.*

Fil-fehma tal-Qorti, il-ħruq doluż mill-imputat tal-vettura ta' Anthony Borg, liema vettura kienet ipparkeġġjata quddiem il-bieb tar-residenza tiegħu, jinkwadra sfiq bħala r-reat ipotetizzat fl-artikolu 317 tal-Kap. 9. Iktar minn hekk, bil-mod kif l-imputat xerred l-aċċellerant fuq il-parti ta' quddiem tal-vettura u mbagħad xerrdu wkoll f'linja bejn l-istess vettura u l-bieb tal-fond li quddiemu kienet ipparkjata, ġie assigurat illi n-nar fil-vettura jqabbad minnufih ukoll l-istess bieb.

Il-*modus operandi* tal-ħruq ġie deskritt mill-espert maħtur fl-inkjesta dwar l-in genere, David Borg Saydon, li identifika l-preżenza ta' aċċellerant u kkonferma li intuża aċċellerant biex sar dan il-ħruq tant illi nstab fuq il-post ukoll kontenitur tal-plastik li kien imdewweb. Ikkonkluda wkoll illi min tefa' l-aċċellerant mal-parti ta' quddiem tal-karozza uża l-istess aċċellerant biex iwassal in-nar minn fuq il-karozza għal mal-faċċata tad-dar ta' Anthony Borg biex ma jkunx hemm għalfejn iqabbad in-nar darbtejn. Ladarba l-aċċellerant tqabbad, in-nar mill-ewwel infirex minn fuq il-karozza, mexa mal-art meta kien qed jaqbad, qabbad il-bieb tad-dar u kien hemm ħuġġieġa waħda.

L-Avukat Ġenerali indika li għandha tinsab ħtija taħt il-paragrafu (a)(i) tal-artikolu 317 tal-Kap. 9 li jiddisponi illi jekk il-ħruq (f'dan il-każ tal-vettura) iqabbad band'oħra iżda ebda persuna ma titlef ħajjitha, il-piena għandha tkun ta' priġunerija minn ħames snin sa disa' snin jekk il-ħati seta' jobsor li fil-waqt kien hemm xi persuna ġewwa l-bini li ħa n-nar mill-ħruq f'dan il-każ tal-vettura Toyota. Kif diġa' ġie stabbilit, il-vettura kienet ipparkeġġjata b'mod li seta' jqabbad lill-fond li kien ipparkjat quddiemu tant illi ħruq fil-vettura qabbad, ukoll b'mod deliberat, il-bibien tal-faċċata tal-fond 52, Triq Sant' Anglu, Isla. Dan il-fond li l-bibieb tiegħu qabbdu bin-nar ġej mill-vettura, l-imputat kellu bla dubju jobsor li dak il-ħin kien hemm persuni ġewwa.

Għaldaqstant, l-imputat għandu jinstab ħati wkoll tar-reat taħt l-artikolu 317(a)(i) tal-Kap. 9 iżda billi huwa evidenti li dan ir-reat ġie mwettaq bl-istess att li ta lok ukoll għar-reat taħt l-artikolu 316(a) tal-Kap. 9, isib riskontru l-prinċipju tal-konkorrenza ta'

reati u pieni u għandha tingħata biss il-piena għar-reat l-iktar gravi li huwa dak taħt l-artikolu 316(a) tal-Kap. 9.

Illi l-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju, akkuża lill-imputat bir-reat taħt l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9.

Il-Qorti ma taqbilx li tista' tinstab ħtija għar-reat taħt l-Artikolu 325 tal-Kodiċi Kriminali. Dan qed jingħad għaliex għal sejbien ta' ħtija għal dan ir-reat, il-mezzi li jiġu applikati mill-aġent biex jgħarraq jew iħassar ħwejjeġ ħaddieħor, iridu jkunu **xort'oħra** minn dawk imsemmijin fl-artikoli preċedenti tas-Sub-Titolu IV[30], fosthom il-ħruq doluż[31]. Għaldaqstant, l-imputat ma jistax jinstab ħati li kkommetta dan ir-reat partikolari meta jinsab ġia' ppruvat li huwa kkommetta r-reat taħt l-artikolu 316(a) u l-artikolu 317(a)(i) tal-Kap. 9 u instab ħati dwarhom.

Ikkunsidrat;

L-imputat huwa mixli li kiser il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti fuqhom b'digriet mogħti mill-Qorti Kriminali fid-9 ta' Settemmbru 2021. Kopja awtentikata ta' dan id-digriet, bit-timbru tad-Deputat Reġistratur tal-Qorti li erogatu, ġiet esebita bil-ġurament tar-Reġistratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali (Dok. FC3)[32] filwaqt li l-Assistent Reġistratur li xehdet fis-seduta tas-27 ta' Lulju 2023 ikkonfermat illi dawn il-kundizzjonijiet kienu għadhom fis-seħħ b'rabta mal-kumpilazzjoni bin-numru 643/2020 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Jesmond Cassar**. Da parti tiegħu, l-Uffiċjal Prosekutur f'dik il-kompilazzjoni, l-Ispettur Mario Xiberras, xehed illi huwa jagħraf l-

---

[30] Fuq id-Delitti Kontra s-Sigurta' Pubblika u fuq Ħsarat fil-Proprjeta', tat-Titolu IX (Fuq id-Delitti kontra l-Proprjeta' u kontra s-Sigurta' Pubblika), Taqsima II ta-Ewwel Ktieb.

[31] "*.....biex tirrizulta imputazzjoni akkampata fuq l-artikolu 325, il-hsara volontarja trid tkun ir-rizultat ta' xi mezz iehor mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel tal-istess sub-titolu. Invece hawn jirrizulta li l-hsara grat bhala konsegwenza ta' hruq li kkomunika ruhu lill-proprjeta' ta' terzi li kellhom ingenji tal-bahar irmiggjati vicin il-lanca tal-appellant jew li kellhom bini vicin, reat kopert bid-dispozizzjonijiet talartikoli 317 u/jew 318. Ghalhekk l-Ewwel Qorti qatt ma setghet tibbaza l-htija ghat-tieni imputazzjoni fuq l-artikolu 325 kif jidher li ghamlet fis-sentenza appellata. Jinghad ukoll li l-Avukat Generali, fid-dawl tas-sentenza appena fuq citata, lejalment irrimetta ruhu dwar dan l-aggravju, li qed jigi akkolt minn din il-Qorti...*" – **Il-Pulizija vs. Valentine Sciberras** deċiża nhar il-11 ta' Jannar 2007.

[32] Xhieda ta' Dr. Franklin Calleja, 30 ta' Marzu 2022.

imputat odjern, Jesmond Cassar, bħala l-imputat Jesmond Cassar mixli fil-kompilazzjoni li fiha ngħata d-digriet tad-9 ta' Settembru 2021.

Minn eżami tad-digriet tad-9 ta' Settembru 2021, jirriżulta illi l-imputat ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet fosthom li jirrapporta fl-Għassa tal-Pulizija tal-Bormla kuljum bejn it-8.00 a.m. u s-7.30 p.m. fost kundizzjonijiet oħrajn. Il-bail book relattiva ġiet esebita mill-Ispettur Mario Xiberras (Dok. MX12) li minn eżami ħafifa tagħha jirriżulta illi l-aħħar darba li l-imputat irrapporta fl-Għassa tal-Pulizija, kienet fid-16 ta' Jannar 2022. Mill-atti jirriżulta li huwa ġie arrestat fl-14 ta' Frar 2022 li jfisser illi għamel xahar sħiħ ma jirrapportax skont kif kien marbut jagħmel skont id-digriet tad-9 ta' Settembru 2022. L-imputat ma ressaq ebda prova biex jiġġustifika dan il-ksur u għalhekk il-Qorti tqis li ġie ppruvat kif imiss il-ksur tal-kundizzjoni bin-numru ħamsa (5) tad-digriet mogħti mill-Qorti Kriminali fid-9 ta' Settembru 2021 u tqis ukoll li dan il-ksur, billi kien wieħed ripetut li ppersista fuq medda ta' kważi xahar sħiħ, huwa wieħed pjuttost serju għaliex kif inhuwa risaput, l-obbligu tal-iffirmar huwa intiż għall-fini ta' kontroll tal-movimenti persuna meħlusa mill-arrest b'garanzija kif ukoll għall-fini tan-notifika.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat huwa mixli wkoll bħala reċidiv taħt l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali.

In sostenn ta' dan l-addebitu il-Prosekuzzjoni ressqet bħala xhud lill-Assistent Reġistratur tal-Qorti li bil-ġurament tagħha produċiet fl-atti proċesswali kopja awtentikata (bit-timbru tad-Deputat Reġistratur tal-Qorti li erogat is-sentenzi rispettivi) tas-segwenti:- (i) sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-12 ta' Frar 2013 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Jesmond Cassar** fejn il-ħati li huwa d-detentur tal-istess numru tal-karta tal-identita', 509274M tal-imputat odjern, tpoġġa taħt Ordni ta' Probation għal tliet snin (Dok. SCT1); (ii) sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Settembru 2017 fl-ismijiet **Il-Pulizija v.**

**Jesmond Cassar**, fejn is-sentenza ta' seba' (7) xhur priġunerija mogħtija fil-konfront tal-ħati Jesmond Cassar detentur tal-istess numru tal-karta tal-identita', 509274M, ġiet konfermata[33] (Dok. SCT2); u (iii) sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-30 ta' Mejju 2017 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Gilbert Busuttil u Jesmond Cassar** fejn il-ħati Jesmond Cassar detentur tal-istess numru tal-karta tal-identita' 509274M, ġie kkundannat priġunerija għal tmintax (18)-il xahar, liema sentenza ma ġietx appellata (Dok. SCT3).

Is-sentenzi li kopja awentikata tagħhom li ġew prodotti fl-atti proċesswali u li bihom l-imputat ġie kundannat għal diversi reatt kriminali, ilkoll jirreferu għal reati li twettqu qabel il-kommissjoni tad-delitt ta' ħruq volontarju fid-19 ta' Jannar 2022 u l-Qorti tqis li huwa ppruvat sodisfaċjentement li l-imputat huwa reċidiv għall-fini tal-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali għaliex qed jinstab ħati ta' reat wara li kien diġa' ġie kkundannat għal reati kriminali b'sentenza oħra li għaddiet f'ġudikat.

Qed jiġi mixli wkoll taħt l-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali li jipprovdi hekk:-

*Meta persuna kkundannata ghal delitt, taghmel delitt iehor fi zmien ghaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun giet mahfura l-piena, jekk iz-zmien ta' dik il-piena kien izjed minn hames snin, jew fi zmien hames snin, fil-kazijiet l-ohra kollha, tista' tehel piena akbar bi grad wiehed mill-piena stabbilita ghal dak id-delitt.*

Minn eżami tas-sentenzi esebiti fl-atti mill-Prosekuzzjoni, ma jirrizultax li l-imputat kellu kundanni ta' priġunerija ta' izjed minn hames snin. L-itwal piena ta' prigunerija jirrizulta li hija proprju dik tat-30 ta' Mejju 2017 ta' priġunerija għal tmintax-il xahar (Dok. SCT3). Din is-sentenza ġiet skontata fit-28 ta' Mejju 2018 filwaqt li s-sentenza ta' priġunerija mogħtija fit-28 ta' Settembru 2017 (Dok. SCT2) ġiet skontata fis-16 ta' Jannar 2020[34].

---

[33] Ma ġiet imposta ebda multa iżda l-imputat kien ġie kkundannat għall-ħlas tal-ispejjeż tal-esperti – ordni li mhijiex rilevanti għall-fini tar-reċidiva.

[34] Ara xhieda ta' Helenio Galea, 22 ta' Mejju 2023.

Dan ifisser illi fid-data tal-komimssjoni tad-delitti taħt l-artikoli 316 u 317 tal-kap. 9 fid-19 ta' Jannar 2022, ma kienux għaddew ħames snin mid-data meta ġew skontati s-sentenzi msemmija[35].

Għalhekk, l-imputat sejjer jitqies ukoll bħala reċidiv għall-fini tal-artikolu 50 tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Illi għall-fini tal-piena il-Qorti kkunsidrat il-fedina penali ferm voluminża u oneruża tal-imputat li instab ħati diversi drabi ta' delitti inkluż id-delitt ta' ħruq doluż, u ġie kkundannat diversi drabi għal piena ta' priġunerija. Ma nġiebet ebda prova li huwa rriforma ruħu u għall-kuntrarju, wera li m'huwiex persuna affidabbli għaliex meta ngħata l-ħelsien mill-arrest minn din il-Qorti, ma ottemperax ruħu mal-kundizzjonijiet imposti fuqu tant illi darbtejn ġie revokat il-ħelsien mill-arrest mogħti lilu matul dawn il-proċeduri minħabba ksur ripetut ta' xi waħda jew iktar tal-kundizzjonijiet imposti. Fuq kollox, jirriżulta li l-imputat għandu dipendenza fuq id-droga u ma jirriżultax illi huwa qed jindirizza b'mod attiv il-vizzju tal-abbuż mid-droga jew wera biżżejjed impenn għar-rijabilitazzjoni tiegħu. Fi kwalsiasi każ, minħabba li l-imputat qed jinsab ħati tar-reat taħt l-artikolu 316(a) tal-Kap. 9 fejn il-piena massima teċċedi seba' snin ħabs kif ukoll għaxar snin ħabs, l-ebda sanzjoni minn dawk taħt l-Att dwar il-Probation ma tista' tiġi applikata fil-konfront tiegħu.

**Għal dawn il-motivi, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-reat taħt l-artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li rat l-artikoli 49, 50, 316(a), 317(a)(i) u 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lil JESMOND CASSAR ħati tal-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjonijiet kif ukoll tal-addebitu tar-reċidiva u tikkundannah sitt (6) snin u nofs priġunerija effettiva, u għall-fini tal-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna l-konfiska parzjali favur il-**

[35] Is-sentenza Dok. SCT1 in kwantu l-imputat ma ġiex ikkundannat iżda ngħata sanzjoni fil-komunita' ma tiswix bħala prova tal-addebitu tar-reċidiva għall-fini tal-artikolu 50 tal-Kap. 9.

**Gvern ta' Malta, tas-somma ta' ħamest elef Euro (€5,000) mill-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija skont digriet mogħti mill-Qorti Kriminali fid-9 ta' Settembru 2021 (Dok. FC3) iżda tiċħad it-talba għar-revoka tal-ħelsien mill-arrest u r-ri-arrest tal-ħati.**

**Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tikkundanna wkoll lill-ħati, JESMOND CASSAR sabiex iħallas lil Anthony Borg is-somma ta' elfejn Euro (€2,000) ossia l-valur tal-vettura Toyota Yaris bin-numru ta' reġistrazzjoni DCJ 943 li ġarrbet il-ħsara b'riżultat tal-kommissjoni tar-reat li dwaru qed jinstab ħati, in linea ta' kumpens għat-telf soffert, u lil Censina Borg u Anthony Borg *in solidum,* is-somma ta' elfejn Euro (€2,000) ossia l-valur tal-ispejjeż li jridu jintefqu għar-riparazzjoni tal-ħsara fil-faċċata u l-bibien tal-fond 52, Triq Sant' Anglu, Isla, b'kollox is-somma ta' erbat elef Euro (€4,000), liema ħlas għandu jsir sa mhux iktar tard minn sitt (6) xhur. Dan l-ordni għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

**Tordna il-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-ħati għall-protezzjoni tas-sigurta' ta' Anthony Borg għall-fini tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien tliet (3) snin, liema żmien għandu jibda jiddekorri mid-data li tiġi skontata l-piena ta' priġunerija.**

**Tordna wkoll il-ħruġ ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħati għal żmien tliet (3) snin għall-fini tal-artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, biex jingħata t-trattament meħtieġ biex jegħleb il-vizzju tad-droga.**

**Tordna illi kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u lill-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija tas-Servizzi Korrettivi għall-fini tal-implimentazzjoni tal-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tal-ħati, kif ukoll lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jieħu konjizzjoni tal-Ordni ta' Trażżin.**

**Għall-fini tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lil JESMOND CASSAR għall-ħlas lir-Reġistratur tal-Qorti tas-somma komplessiva ta' elfejn sitt mija u sitta u erbgħin Euro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€2,646,98) rappreżentanti parti mill-ispejjez li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti u periti fil-proċeduri[36], u dan fi żmien sena.**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex jieħu konjizzjoni ta' din il-kundanna għall-ħlas taħt l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**

[36] €346.71 (David Borg Saydon); €797.07 (Dok. VS1); €96.10 (PS 586 Mario Azzopardi); €236 (Dok MB1); €171.10 (Dok. MB2) u €1,000 biss mis-somma totali ta' €5607.70 imħallas lill-espert John Sacco stante li l-Qorti tikkunsidra li r-Reġsitratur qatt ma messu approva l-ħlas tal-ispejjeż fl-ammont eżorbitanti ta' €5607.70 fejn huwa evidenti li l-inkarigu ma kienx fih volum kbir ta' xogħol iktar minn dak li huwa solitu f'każijiet bħal dawn, u jkun inġust li l-ħati jiġi kkundannat iħallas ammont esaġerat bħal dan.